# Waħda Mara

Immanuel Mifsud

Xagħarha bħax-xahar tal-mejtin, jinżel m'għonqha
bħax-xita li tinżel f'daqqa f'Settembru.
It-triq taqsamha bil-lajma kif tħares
lejn min iħares lejn il-lajma tagħha.
Donnha l-kafè bil-ħalib ta' filgħodu:
tnessik in-ngħas u tfakkrek fil-lejl l'għadda,
fil-ħolma stramba li qajmitek f'daqqa,
fil-ħsejjes ma jaqtgħux tar-riħ mat-tieqa.

Għajnejja jaħarquni w xorta nħares:
dil-mara triq mnejn ngħaddi biex nintilef,
ktieb iswed żgħir fejn nikteb noti qosra
dwar dak li rrid insir la nikber iżjed.

Issa t-triq qasmitha. Warajha tħalli
tbissima ħelwa mdendla f'kantuniera
u messaġġ żgħir: *Xi darba ngħidlek storja.*